# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024.

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 81/2022 ISB**

**L-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

**vs**

**Sierra Madre Gold & Silver Venture Capital Fund SICAV plc**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tal-**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**, intavolat fl-4 ta' Awwissu 2022, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:-

> *…ai termini tal-artikolu 15A(2A) tal-Kap. 370 tiddikjara li hemm ragunijiet gravi bizzejjed sabiex ix-xoljiment u l-istralc ta' Sierra Madre Gold & Silver Venture Capital Fund Fund SICAV Plc jipprosegwi taht din l-Onorabbli Qorti;*

U dan wara li ppremettiet:

*Illi l-Awtorità Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ('l quddiem msejha "**MFSA**") hija l-Awtorita kompetenti ai termini tal- Att Dwar is-Servizzi ta' Investiment (Kap. 370).*

*Illi s-socjeta' intimata hija SICAV plc registrata Malta bin-numru ta' registrazzjoni SV52 u giet licenzjata mill-MFSA fis-sena 2006.*

*Illi sa' mis-sena 2011 is-socjeta' intimata (kultant ukoll imsejha l-"iScheme") beda jkollha problema ta' compliance mal-MFSA li hallew effett negattiv fuq kif kienu sejrin l-underlying portfolios tal-fond.*

*Illi dan wasal ghal nuqqas gradwali fin-net assets tas-socjeta', u f'zieda fit-total expense ratio li ma kenitx sostenibbli stante li -Net Asset Value (NAV) kien baxx. Dan wassal biex l-MFSA tavza lid-diretturi, Claudio Tonolla u Victor Dario, kif ukoll lill-azzjonista Peter Zihlmann sabiex jikkunsidraw il-posizzjoni taghhom.*

*Illi fis-sena 2017, wara li kien hemm tibdil fil-Fund Manager tal-iScheme, l-amministrazzjoni l-gdida ghamlet diversi tentattivi sabiex tbiegh l-assi li kien ghad fadal u taghlaq l-Ischeme. Madankollu ma kienx hemm suq ghal-dawn l-assi li ma kienux likwidi.*

*Illi bhala rizultat ta' dan f'Ottubru 2018, il-Bord tad-Diretturi appunta lil Dr Malcolm Mallia bhala Likwidatur sabiex jillikwida s-socjeta'. Dr Mallia ghamel avvanzi kbar u anke esplora l-possibilita' li l-investituri jircievu l-assi li kien fadal in kind, madankollu ma setax jaghmel iktar progress peress illi kien hemm numru ta' assi illikwidi li kienu gia' gew stmati li ma jiswew xejn qabel ma bdiet il-likwidazzjoni, u ma nstab ebda bejgh ta' dawn l-assi.*

*Illi l-likwidatur kien ukoll kiteb lill-investituri sabiex jara kienux disposti li jircievu l-assi li kien fadal in specje u li jekk ma kenitx ser tinstab soluzzjoni kien ser jaghmel write off tal-assi.*

*Illi ebda investitur ma oggezzjoni ghal dak propost, tenut kont li r-risposti kienu wkoll skarsi, pero' l-Likwidatur fis-17 ta' Lulju 2020 ghazel li jirrizenja.*

*B'hekk illum hemm stralc sospiz, hemm numru sostanzjali ta' investituri mdendla - individwali u istituzzjonali, portfolio illikwidu, u b'numru ta' assi li ma jistghux jigu dematerjalizzati u li potenzjalment m'ghandhomx valur.*

*Illi l-MFSA konstantement gibdet l-attenzjoni tal-azzjonista fundatur Peter Zilhman, li kien obligat li jahtar likwidatur hu, ai termini tal-artikolu 271(1) tal-Kap. 386, sabiex jissokta l-istralc tas-socjeta', madankollu l-azzjonista fundatur ma kkoperax u insista li ma kienx f'posizzjoni li jahtar stralcjaru u li l-obligu li jigi protetti l-investituri kien tal-MFSA.*

*Illi fit-22 t' Ottubru 2021, l-MFSA baghtet lis-socjeta' intimata "minded letter" (hawn annessa bhala Dok. "A") fejn din u l-azzjonist fundatur taghha gew mgharrfa hekk:*

*[i] Timeless Funds are informed that the Authority is minded to issue a Directive in terms of Article 15 of the Investment Services Act ordering the Schemes to ensure that they take all the necessary steps to appoint a new liquidator within one month from the date of the Directive for the conclusion of the liquidation of the Schemes (currently in dissolution) in accordance with the provisions of the Companies Act; and*

*[ii] Should the Schemes do not adhere to the above-mentioned Directive within the stipulated timeframe, the Schemes are to be informed that the Authority is to file an application to the Court for the dissolution and winding up by the Court of the Timeless Funds in terms of Article 15(2A) of the Investment Services Act.*

*Illi l-MFSA rceviet risposta minghand iz-zewg diretturi tas-socjeta' Claudio Tonolla u Victor Dario li stante li kien gie mahtur likwidatur huma ma kienx ghad fadallhom ebda setgha, u fil-fatt kienu qed jirrizenjaw minn diretturi.*

*Illi b'hekk is-socjeta' intimata issa spiccat ukoll minghajr diretturi.*

*Illi l-azzjonista fundatur Peter Zihlmann, ghalkemm debitament notifikat, la qatt wiegeb lanqas irrikonoxxa l-minded letter lilu mibghuta.*

*Illi fid-29 ta' Novembru 2021, Peter Zihlmann talab lill-MFSA tghaddilu lista ta' persuni li setghu joqoghdu bhala stralcjarji. Fit-3 ta' Dicembru 2021 l-MFSA wiegbet li dan ma kienx kompitu taghha u li l-hatra ta' stralcjarju kienet obligazzjoni tieghu.*

*Illi tenut kont ta' dak hawn fuq imsemmi, fil-11 ta' Novembru 2021, l-MFSA kitbet lill-iScheme u lill-azzjonist fundatur li kienet behsiebha tipprocedi b'dak li kien kontenut fil-"minded letter" – iktar il-fuq riprodott.*

*Illi dak li l-MFSA ordnat lill-iScheme u lill-azzjonist Fundatur jaghmlu fil-minded letter taghha, jaqa' taht dak li jipprovdi l-artikolu 15 (1) tal-Kap. 370 li jipprovdi:*

***15.** (1) Bla ħsara għal xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha bl-artikoli 13 u l4 ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista', kull meta jidhrilha xieraq, u sew jekk fuq rapport ta' spettur maħtur taħt l-artikolu 14 ta' dan l-Att u sew jekk le, tagħti, b'avviż bil-miktub, dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi; u kull persuna li lilha jingħata l-avviż għandha tobdi, tħares jew xort'oħra tagħti effett lil kull direttiva bħal dik fiż-żmien u bil-mod imsemmi fid-direttiva jew f'direttiva oħra wara.*

*Iżda l-awtorità kompetenti tista' tagħti xi direttiva bħal dik ukoll meta detentur ta' liċenza, għal kwalunkwe raġuni, itemm milli jibqa' jkollu liċenza mogħtija kif hawn f'dan l-Att:*

*Iżda wkoll kull direttiva mogħtija kif hawn f'dan l-artikolu għandha, kemm-il darba l-awtorità kompetenti ma tordnax xort'oħra, tibqa' tapplika wkoll meta detentur ta' liċenza, għal kwalunkwe raġuni, itemm milli jibqa' jkollu liċenza mogħtija kif hawn f'dan l-Att.*

*Illi imbaghad l-artikolu 15A(2A) tal-Kap. 370 jipprovdi kif gej:*

*(2A) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità kompetenti kif hawn fis-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti tista' wkoll tagħmel rikors fil-qorti biex il-qorti xxolji u tistralċja lid-detentur ta' liċenza meta l-awtorità kompetenti jkun jidhrilha li detentur ta' liċenza għandu jkun xolt jew stralċjat mill-qorti għar-raġuni msemmija fl-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpaniji, u jekk il-qorti tilqa' dak ir-rikors, allura għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar il-Kumpaniji dwar ix-xoljiment u l-istralċjar mill-qorti u kull dispożizzjoni oħra li tkun tapplika ta' kull liġi oħra.*

*Illi fl-umli fehema tal-Awtorita jezistu cirkostanzi gravi bizzejjed ai termini tal-artikolu 214 tal-Kap. 386 li jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta' intimata tenut kont ta' dak hawn fuq sottomess, u wkoll sabiex jigu mharsa l-interessi tal-varji investituri*

*Illi ghalkemm is-socjeta' intimata hija gia' xolta, dan is-stralc huwa volontarju u mhux stralc mill-Qorti, madankollu l-istralc volontarju jista' jigi konvertit ghal stralc mill-Qorti u dan kif hemm provdut fl-artikolu 218(5) tal-Kap. 386.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 14).

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tat-18 ta' Awwissu 2022, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2022 fid-9:30 a.m.

Rat in-nota tal-awtorità rikorrenti intavolata fid-29 ta' Settembru 2022 (fol 17) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' **Alistair Cuschieri** b'diversi dokumenti annessi (fol 18 sa fol 41).

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Ġunju 2023 deher l-Avukat Kris Borg għall-awtorità rikorrenti. Rat ukoll li stante illi s-soċjetà intimata kienet ġiet notifikata fil-15 ta' Mejju 2023 u ma kienx jirriżulta li daħlet risposta, il-Qorti ddikjarat lis-soċjetà intimata fi stat ta' kontumaċi.

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2023, xehed l-**Av. Malcolm Mallia** prodott mill-awtorità rikorrenti. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2024, il-kawża tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjetà rikorrenti *ai termini* tal-Artiklu 15A(2A) tal-Kap 370 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, l-awtorità rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li hemm raġunijiet gravi biżżejjed sabiex ix-xoljiment u l-istralċ tas-soċjetà intimata jipprosegwi taħt l-awtorità din il-Qorti.

Tgħid li s-soċjetà intimata **Sierra Madre Gold & Silver Venture Capital Fund SICAV plc (SV 52)** ġiet liċenzjata fl-2006 u sa mis-sena 2011 beda jkollha problema ta' *compliance* mal-awtorità rikorrenti li ħallew effett negattiv fuq kif kienu sejrin l-*underlying portfolios* tal-fond.

Issostni li dan wassal għan-nuqqas gradwali fin-*net assets* tas-soċjetà u f'żieda fit-*total expense ratio* li ma kienx sostenibbli li wassal lill-awtorità rikorrenti sabiex tavża lid-direttur u l-azzjonisti sabiex jikkunsidraw il-posizzjoni tagħhom.

Tispjega li fis-sena 2017, wara li sar tibdil fil-Fund Manager tal-iScheme, l-amminsitrazzjoni l-ġdida għamlet diversi tentattivi sabiex tbiegħ l-assi li kien fadal u tagħlaq l-iScheme iżda ma kienx hemm suq għal tali assi li ma kienux likwidi. Tgħid li b'konsegwenza ta' dan f'Ottubru 2018 ġie appuntat

Dr Malcolm Mallia bħala likwidatur. Tispjega li dan għamel avvanzi kbar iżda ma setax jipprogressa aktar peress li kien hemm numru ta' assi llikwidi li ma nstab ebda bejgħ tagħhom. Tgħid li għalhekk kien kiteb lill-investituri sabiex jara kienux lesti jirċievu tali assi in speċje u jekk ma tinstabx soluzzjoni jiġu *written-off*. Tispjega li ebda investitur ma oġġezzjona għal dan iżda l-likwidatur fis-17 ta' Lulju 2020 għażel li jirriżenja.

Tikkontendi li b'hekk l-istralċ ġie sospiż, hemm numru sostanzjali ta' investituri mdendla, portfolio llikwidu u numru ta' assi li ma jistgħux jiġu dematerjalizzati u li potenzjalment m'għandhomx valur.

Tispjega li għalhekk ġibdet l-attenzjoni tal-azzjonista fundatur Peter Zilhman li kien obligat jaħtar stralċjarju iżda dan m'għamilx dan u insista li l-obbligu li jiġu protetti l-investituri kien tal-awtorità rikorrenti. Għalhekk bagħtet *minded letter* lis-soċjetà intimata fejn għarfitha bl-obbligu li jiġi maħtur stralċjarju u fin-nuqqas ta' dan fuq id-dritt tagħha li tirrikorri l-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 15(2A) tal-Kap 370 tal-Liġijiet ta' Malta għal talba ta' xoljiment u stralċ.

Tispjega li wara dan, l-uniku direttur tas-soċjetà intimata rriżenja u l-azzjonist baqa' ma weġibx l-ittra mibgħuta u għalhekk fil-11 ta' Novembru 2021 infurmat lill-azzjonist li kienet ser tipproċedi skont il-*minded letter*. Fid-29 ta' Novembru 2021, l-azzjonist kien talab lill-awtorità rikorrenti lista ta' stralċjarji iżda fit-3 ta' Diċembru 2021 hija wieġbet li dan ma kienx kompitu tagħha.

Issostni li kienu għalhekk jeżistu ċirkostanzi gravi biżżejjed *ai termini* tal-Artikolu 214 tal-Kap 386 li jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċjetà intimata u tikkontendi illi għalkemm is-soċjetà intimata hija ġia xolta, dan l-istralċ huwa wieħed volontarju u mhux stralċ bil-Qorti u *ai termini* tal-Artikolu 218(5) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta l-istralċ voluntarju jista' jiġi kkonvertit għal stralċ mill-Qorti.

Fl-affidavit tiegħu, **Alistair Cuschieri** jgħid li l-awtorità rikorrenti hija r-regolatur ewlieni f'Malta u għandha poteri varji t'infurzar naxxenti mill-Kap 330 tal-Liġijiet ta' Malta u liġijiet oħra varji. Jispjega li l-awtorità hija responsabbli sabiex tinvestiga ksur tal-istess liġijiet fir-rigward ta' persuni u entitajiet oħra awtorizzati u taħt is-superviżjoni tal-istess awtorità.

Jgħid li hu ilu jaħdem fis-sezzjoni tal-infurzar fi ħdan l-awtorità rikorrenti għall-aħħar sentejn u minn Mejju 2022 beda jokkupa l-irwol ta' *Deputy*

*Head*. Jispjega li l-irwol tiegħu hu li jassisti fir-reviżjoni ta' azzjonijiet tal-entitajiet taħt is-superviżjoni tal-awtorità u fejn neċessarju jinvestiga l-istess entitajiet.

Jispjega li **Sierra Madre Gold & Silver Venture Capital Fund SICAV plc (SV 52)** huwa *Professional Investor Fund* u ilu liċenzjat mill-awtorità mis-sena 2006 sabiex joffri s-servizzi tiegħu lill-investituri. Jgħid li SICAV għandu storja twila ta' non-konformità u stejjer repetuti li kellhom impatt fuq assi sottostanti li bdew sa minn Ottubru 2011. Dan wasal għal nuqqas fin-*net assets* u żieda fl-*expense ratio* li bħala riżultat ġie insostenibbli. Għalhekk is-SICAV ma kienx meqjus aktar vijabbli u l-awtorità talbet lid-Diretturi Claudio Tonolla u Victor Dario lill-azzjonist fundatur Peter Zihlmann biex jikkunsidraw il-posizzjoni.

Jispjega li fis-sena 2017, kien hemm diversi attentati sabiex jinbiegħu l-assi rimanenti u tingħalaq is-SICAV, iżda dan ma ħalliex is-suċċess mixtieq.

B'konsegwenza ta' dan f'Ottubru 2018 ġie appuntat Dr Malcolm Mallia bħala likwidatur. Jispjega li dan għamel avvanzi kbar iżda ma setax jipproggressa aktar peress li kien hemm numru ta' assi illikwidi, li ma nstax ebda bejgħ għalihom. Jgħid li għalhekk Dr Mallia kkomunika ma' tnejn mill-*issuers* tal-ikbar assi sabiex jitrasferixxi isimhom fir-Reġistru tal-Kumpaniji pro-rata għas-sehem fis-SICAV. Fir-rigward tal-assi mingħajr valur kien kiteb lill-investituri sabiex isir *write-off* f'dak ir-rigward. Jispjega li ma kien hemm ebda oġġezzjoni għal dak propost minnu iżda minkejja dan l-likwidatur irriżenja fis-17 ta' Lulju 2020.

Jgħid li b'hekk kollox waqaf bil-konsegwenza li hemm assi oħra li qed jitilfu l-valur tagħhom. Jispjega li għalhekk l-awtorità bdiet tfakkar kontinwament lill-azzjonist fundatur sabiex jappunta likwidatur ġdid iżda dan baqa jsostni li ma kienx f'pożizzjoni jagħmel dan u li kien sta għall-awtorità biex tipproteġi lill-investituri.

Jgħid li fit-22 ta' Ottubru 2021, l-awtorità bgħatet *minded letter* lis-soċjetà intimata fejn għarfitha bl-obbligu li jiġi maħtur stralċjarju u fin-nuqqas ta' dan fuq id-dritt tagħha li tirrikorri l-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 15(2A) tal-Kap 370 tal-Liġijiet ta' Malta għal talba ta' xoljiment u stralċ, u stednitha tissottometti bil-miktub sal-25 ta' Ottubru 2021 ir-raġunijiet speċifiċi għala l-awtorità ma kellhiex tipproċedi kif dettat.

Jispjega li fis-27 ta' Ottubru 2021 wieġbu d-diretturi tas-soċjetà intimata u spjegaw li la darba ġie appuntat likwidatur, is-setgħat tagħhom ta' diretturi

kienu spiċċaw u għalhekk ma kellhom l-ebda setgħa jappuntaw likwidatur u konsegwentament kienu qegħdin jirriżenjaw. Jikkontendi li minkejja dan, mill-*website* tal-MBR jidher li għadhom attivi.

Jgħid li Mr Zihlmann minkejja li rċieva l-*minded letter* fis-27 ta' Ottubru 2020 ma bagħat l-ebda risposta. Fil-31 ta' Ottubru 2021, iżda kiteb imejl lil ċertu Omar fejn ikkopja lill-awtorità rikorrenti u talab parir dwar l-appuntament ta' likwidatur. Oltre minn hekk, jgħid li fid-29 ta' Novembru 2021 talab lill-awtorità tipprovdilu lista ta' likwidaturi iżda l-awtorità rikorrenti fit-3 ta' Diċembru 2021 wieġbet li ma kienx fil-kompitu tagħha li tagħmel dan u ggwidatu li jieħu parir legali.

Jispjega li għalhekk fil-11 ta' Novembru 2021 l-awtorità rikorrenti infurmat lill-azzjonist fundatur li kienet ser tipproċedi skont il-*minded letter.* B'hekk ngħediet dawn il-proċeduri.

In sostenn tax-xhieda mogħtija, l-awtorità rikorrenti ppreżentat numru ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fix-xhieda tiegħu, **Malcolm Mallia** jgħid li hu kien likwidatur tas-soċjetà intimata bejn is-16 ta' April 2019 u l-15 ta' Lulju 2020. Jispjega li l-*liquidation* ma kinitx waħda faċli u dan minħabba li ħafna mis-*securities* li kien hemm ma kinux *traded* u allura d-distribuzzjoni fl-aħħar kienet tkun diffiċli ħafna biex tagħmel valutazzjoni. Jgħid li l-materja hija diffiċli ħafna fl-istralċ u għalhekk kull investitur irid jieħu s-sehem tiegħu *in specie* u għalhekk kull investitur irid ikollu *custody account* f'ismu u minħabba li kien hemm numru minnhom li ma kellhomx, id-distribuzzjoni kienet diffiċli. Jispjega li kien hemm bejn sebgħin u ħamsa u sebgħin investitur.

Jikkonferma li kien għad hemm investituri li ma ħadux lura l-investiment tagħhom. Mistoqsi jekk meta spiċċa minn likwidatur kienx għad fadal affarijiet pendenti f'dak li jirrigwarda assi fi ħdan l-iskemi ta' investiment, jgħid li kien hemm żewġ tipi ta' assi u ċjoè l-bilanċi fil-kontijiet bankarji u kien hemm l-*actual shares and stocks* li riedu jitqassmu *in specie*. Jispjega li d-diffikultà kienet li l-bank li kien *custodial* u kien qed iżomm dawk l-ishma ma kienx ried jibqa' jżommhom minħabba l-ispejjeż u l-investituri ma setgħux jeħduhom għax ma kellhomx mezz kif jirċevuhom.

Mistoqsi jekk kienx hemm assi *written-off* jgħid li kien hemm ftit ħafna u l-konklużjoni kienet li kienu bla valur għax ħadd ma kellu interess fihom u kienu għalhekk illikwidaw ftit ftit minnhom. Jispjega li minħabba li ħafna mill-investituri ma kellhomx kif jirċievuhom ħadd ma kien jaf aktar x'għandu

jsir u għalhekk il-bank ikkonċernat kien ħareġ bl-idea tal-*omnibus account* fejn jinżammu hemm mingħajr ma jieħdu ħin ta' ħadd. Jgħid li biex jagħmlu dan kellhom jinfurmaw lill-investituri kollha u kien hemm wieħed li għamel claim minħabba li kien niżel ħafna l-valur u għalhekk kienu waqfu. Jispjega li kienet saret l-qasma ta' kull investitur kemm jista' jieħu.

Mistoqsi min kien ħatru bħala investitur jgħid li kien qabbdu magħhom il-*compliance officer* mal-investituri, mad-diretturi tal-fond. Jgħid li riċentament kien kellmu wieħed mid-diretturi u kien qallu li l-benefiċjarju ewlieni tal-fond kien ser jipprova jgħinu biex jbiegħu is-*securities*. Jgħid li kien hemm Claudio Tonaleo u Victor Dario. Jikkonferma li ma ta l-ebda *handover* u fil-fatt kien offra li jagħmel dan iżda qatt ma ġie kkuntattjat, minkejja li ftehmu li jerġgħu jiltaqgħu.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi l-**Artikolu 15(2A) tal-Kap 370 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk:

> *(2A) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità kompetenti kif hawn fis-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti tista' wkoll tagħmel rikors fil-qorti biex il-qorti xxolji u tistralċja lid-detentur ta' liċenza meta l-awtorità kompetenti jkun jidhrilha li detentur ta' liċenza għandu jkun xolt jew stralċjat mill-qorti għar-raġuni msemmija fl-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpaniji, u jekk il-qorti tilqa' dak ir-rikors, allura għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar il-Kumpaniji dwar ix-xoljiment u l-istralċjar mill-qorti u kull dispożizzjoni oħra li tkun tapplika ta' kull liġi oħra.*

Il-Qorti fliet ir-rikors u t-talba tal-Awtorità rikorrenti u kif ukoll il-provi li tressqu, u jirriżulta li l-Awtorità qegħda titlob l-applikazzjoni tal-artikolu ċitat mhux sabiex din il-Qorti tordna xoljiment iżda biex tikkonverti x-xoljiment minn wieħed voluntarju għal wieħed mill-Qorti u f'dan ir-rigward tiċċita l-Artikolu 218(5) li jipprovdi għal sitwazzjoni fejn tista' ssir talba mill-kredituri jew kontributorji ta' kumpanija jew ir-riċevitur uffiċjali jistgħu jitolbu l-istralċ voluntarju jiġi kkonvertit għal wieħed mill-Qorti.

Din il-Qorti fliet ir-rekwiżiti taż-żewġ artikoli li saret referenza għalihom u hija tal-fehma li l-Artikolu 218(5) tal-Kap 386 ma jista' bl-ebda mod japplika fis-sitwazzjoni odjerna u dana stante li l-Awtorità rikorrenti la hija kreditriċi u lanqas ma' hi kontributorja tas-soċjetà intimata, u naturalment lanqas ma hi r-Riċevitur Uffiċjali.

Madanakollu, il-Qorti tqis li l-intenzjoni tal-leġislatur fir-rigward tal-Artikolu 15A(2A) kien proprju li l-Awtorità rikorrenti jkollha l-faċilità li titlob sabiex ikun hemm xoljiment mill-Qorti ta' kumpanija jekk kemm-il darba jkunu sodisfatti il-kriterji tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386. Għalkemm il-leġislatur ma ħasibx speċifikament għal sitwazzjoni bħal dik kontemplata fil-każ odjern, fejn hemm stralċ voluntarju diġà mibdi, il-Qorti tqis li l-intenzjoni kienet waħda u ċara u ċjoè, li fejn jidhrilha l-Awtorità rikorrenti li hemm każ li jissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tista' titlob li **tali xoljiment u stralċ isir mill-Qorti**.

B'hekk, jekk kemm-il darba jirriżulta li l-kriterji tal-Artikolu 214(b)(iii) tal-Kap 386 huma sodisfatti, din il-Qorti għandha tgħaddi sabiex tordna x-xoljiment u l-istralċ bil-Qorti, anke jekk kemm-il darba dak ix-xoljiment diġà nbeda b'mod voluntarju.

Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tqis ir-rekwiżiti tal-**Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> *Kumpannija **<u>għandha</u>** tkun xjolta bil-Qorti meta il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija.*

Bil-kliem "*il-qorti tkun tal-fehma*", il-leġislatur ċertament li ried illi titħalla lill-Qorti diskrezzjoni wiesa' sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma tagħha jirriżultawx fatti u ċirkostanzi "*gravi bizzejjed*" biex tasal biex tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralċ.

Anzi, irid jingħad illi peress illi l-leġislatur kien ċar fi kliemu fis-sens illi "*kumpannija <u>ghandha</u>*", allura, jekk il-Qorti tistabilixxi l-gravità, allura minn hemm 'il quddiem il-Qorti ma għandiex għażla jew diskrezzjoni u tkun obbligata tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralċ tal-kumpanija.

Issa jrid jingħad illi d-diskrezzjoni tal-Qorti tkompli tieħu xejra dejjem aktar wiesa' meta wieħed iqis illi l-leġislatur ma pprovdiex u ma jagħtix tifsira ta' "*raġunijiet gravi biżżejjed*".

Kif ġja kellha opportunitajiet oħra tgħid din il-Qorti, anke kif diversament preseduta, il-Qorti ma għandha tiskarta xejn, u allura huwa ġustifikat jingħad illi sabiex tistabilixxi jekk fatti jew ċirkostanzi humiex gravi biżżejjed, m'għandhiex toqgħod fuq ġrajjiet li jkun seħħew sad-data tal-preżentata tar-rikors promotur, iżda għandha tagħti piż ukoll lil kull ma jiġri anke wara, sa ma tiġi biex tagħti d-deċiżjoni tagħha.

F'*section* 122 tal-**Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra**, tirriżulta lista ta' ċirkostanzi li jwasslu għax-xoljiment u għall-istralċ ta' kumpanija.

Tajjeb jingħad illi fl-Insolvency Act 1986 ma hemmx dispożizzjoni bħall-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386. Il-waħda li tqarreb l-aktar lejħa hija Section 122(1)(g) li tgħid illi:

> *the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up.*

Huwa evidenti anke mad-daqqa t'għajn li d-dispożizzjoni fil-liġi tagħna hija aktar stretta fis-sens illi fil-każ tagħna l-Qorti għandha xxolji u tistralċja meta fil-fehma tagħha jkunu jirriżultaw raġunijiet gravi biżżejjed, mentri fil-liġi Ingliża, il-kriterju li fuqu l-Qorti trid tibni l-fehma tagħha huwa dak tal-ġustizzja u l-ekwità.

L-istrettezza tad-dispożizzjoni fil-liġi tagħna tagħmel ħafna sens anke għaliex jekk il-Qorti tesprimi l-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed, allura minn hemm tkun obbligata tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija.

Il-Qorti tgħid li r-riferenza għal Sec 122(1)(g) tal-Insolvency Act 1986 hija utili għaliex il-linja li ħadu l-Qrati Inglizi biex jgħidu x'għandhom ifissru *just and equitable* għall-fini ta' *winding up* ta' kumpanija jgħin sabiex jiftaħ tieqa għall-Qrati tagħna fl-interpretazzjoni tagħhom x'jistgħu jkunu raġunijiet gravi biżżejjed. Għax kull każ għandu l-istorja tiegħu, il-Qorti trid tibni l-fehma tagħha fuq il-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ.

Fil-kuntest tal-fatti li għandha l-Qorti quddiemha, huwa ċar li l-kumpanija *de quo* ilha taffaċja l-problemi sa mis-sena 2011 li wasluha li tieqaf topera u tissospendi l-liċenzja tagħha voluntarjament f'April tas-sena 2015. Sussegwentament, meta l-awtorità rikorrenti talbet lid-direttur u lill-azzjonisti sabiex jikkunsidraw il-pożizzjoni tagħhom, ir-reazzjoni kienet li rrikorrew għal stralċ voluntarju u għalhekk għarfu huma stess li ma kienx hemm lok li s-soċjetà tkompli topera.

Dan huwa fatt gravi biżżejjed li jwassal għax-xoljiment. Jghid hekk **Andrew Muscat** dwar disappearance of the substratum fil-pag 1395 ta' "***Principles of Maltese Company Law***"[1]:-

[1] (MUP – Second Edition – Volume Three - 2019)

> *"A company`s substratum is the purpose or group of purposes which it is formed to achieve – in other words, its main objects. If the company has abandoned all its main objects (and not merely some of them) or if in practice it cannot achieve any of them, then its substratum has disappeared …"*

Meta kumpanija ma tagħmilx negozju tkun entità bla ruħ għaliex ma tkunx qiegħda taqdi l-għanijiet tagħha. Milli aċċertat, il-kumpanija waslet *at a point of no return*.

**Tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi hemm raġunijiet gravi biżżejjed skont l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 sabiex, f'ċirkostanzi oħra, tordna ix-xoljiment u l-konsegwenti l-istralċ bil-Qorti tal-kumpanija intimata Sierra Madre Gold & Silver Venture Capital Fund SICAV plc.**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 370 u tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta Malta kif hawn fuq iċċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti il-voti tal-liġi sabiex tkun tista' tgħaddi biex takkolji t-talbiet tal-Awtorità rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi li jirriżultaw lill-Qorti, din il-Qorti qeghda:

1. **Tilqa' t-talba** u tiddikjara li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ bil-Qorti tal-kumpannija u li konsegwentement l-istralċ voluntarju għandu jiġi kkonvertit f'wieħed mill-Qorti.

2. **Tordna** li x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjetà intimata **Sierra Madre Gold & Silver Venture Capital Fund SICAV plc (SV52)** <u>jiġi kkonvertit</u> għall-xoljiment u stralċ bl-ordni mill-Qorti.

3. **Tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjetà **Sierra Madre Gold & Silver Venture Capital Fund SICAV plc** lir-**Ricevitur Ufficjali** u tagħti lill-istralċarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpanija *de quo*, *ai termini* tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, dan partikolarment billi jikkomunika mal-Avukat Malcolm Mallia, li jagħmel rapport lill-Qorti *ai termini* tal-Artiklu 227 tal-istess KAP 386,

b) Jagħmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija *de quo* u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Sierra Madre Gold & Silver Venture Capital Fund SICAV plc** jista' għandha, u dan *ai termini* tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpanija *de quo*.

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpanija jista' għandha,

**4. Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

**5. Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-<u>Riċevitur Uffiċjali</u> u lir-<u>Reġistratur tal-Kumpaniji</u>.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**